

31991L0632

10.12.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 338/23

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Ottubru 1991**

li tadatta għal progress tekniku għal ħmistax-il darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi

(91/632/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 79/831/KEE⁽²⁾, u b'mod partikolari fl-Artikoli 19, 20 u 21 tiegħu,

Billi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tad-Danimarka għamlu talba għat-tikkettjar ta' numru ta' sustanzi u nnotifikaw il-Kummissjoni b'mod konformi mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 67/548/KEE;

Billi eżaminazzjoni tal-lista ta' sustanzi perikolużi fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE uriet li l-lista teħtieġ li tiġi adattata fid-dawl tal-għarfien xjentifiku attwali u tekniku;

Billi d-disposisizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma b'mod konformi mal-fehma tal-Kumitat tal-Adattament fuq Progress Tekniku u d-Direttivi dwar it-Tnejħħija ta' Barrieri Tekniċi għal Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Annex I tad-Direttiva 67/548/KEE huwa b'dan emendant kif-ġej:

- Id-daħliet fl-Anness I ta' din id-Direttiva jibdlu d-daħliet korrispondenti fl-Anness I,
- Id-daħliet fl-Anness II ta' din id-Direttiva huma nklużi għall-ewwel darba fl-Anness I.
- Id-daħliet bin-Nru tal-KE huma murija fl-Anness III ta' din id-Direttiva huma mneħħija mill-Anness I.

L-Artikolu 2

1. Mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1993 l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni dwar dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandu jkollhom kull referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'kull referenza bħal din fiż-żmien tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura ta' din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fit-28 ta' Ottubru 1991.

*Għall-Kummissjoni**Carlo RIPA DI MEANA**Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ġu C 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽²⁾ ġu C 259, tal-15.10.1979, p. 10.

L-ANNESS I, L-ANNESS II u L-ANNESS III

Dawn l-Annessi għandhom jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej Nru L 338 A.
